Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR

27 ta' Lulju 2020

## MT - Informazzjoni għall-Għaqdiet Volontarji

Għeżież Għaqdiet Volontarji,

Qed niktbu din l-ittra f'isem il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, liema Kunsill huwa l-legittimu rappresentant taghkom l-Għaqdiet Volontarji, sabiex inżommukhom infurmati bl-aħħar sitwazzjonijiet li ser ikunu qed jolqtu direttament lis-settur tagħna.

B'dispjaċir ninnutaw li f'dawn l-aħħar ġimgħat seħħew sitwazzjonijiet repetuti fejn il-Kunsill ma kienx konsultat mill-Kummissarju tal-Volontarjat kif mitlub mill-iStrateġija Nazzjonali għal-Volontarjat iffirmata mal-Gvern u li jimpenja lill-entitajiet kollha pubbliċi. Fil-Fatt din l-iStrateġija tisħaq li għandu jkun hemm "(a) opportunitajiet għal diskussjoni kontinwa bejn l-Organizzazzjonijiet volontarji u l-interessi tal-volontarjat u d-Dipartimenti tal-Gvern biex irawmu ftehim bikri u involviment fl-iżvilupp tal-politika" u li jkun hemm "(b) arranġamenti ta' konsultazzjoni li normalment jippermettu ħin adegwat għall- konsultazzjoni usa' ma' networks u utenti tas-servizz." (Ir-Rappreżentanza - 06, paġna 17).

Dan in-nuqqas ta' konsultazzjoni, jew nuqqas ta' żmien adekwat għall-konsultazzjoni, seħħ kemm dwar ir-regolamenti li jindirizzaw ġbir pubbliku, it-taxxa, emendi lill-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, kif ukoll dawk li jirrigwardaw iċ-'charity shops'. Fir-regolamenti dwar il-ġbir pubbliku u dawk li jirrigwardaw iċ-'charity shops' hemm bosta aspetti li ser jolqtu b'mod negattiv lis-settur tal-volontarjat, b'introduzzjoni ta' ħlasijiet, proċeduri żejda kif ukoll regolamenti li l-istess entitajiet pubbliċi neħħew minn fuq operaturi oħra. Fatt ieħor inkwetanti huwa li l-proċeduri f'dawn ir-regolamenti jpoġġu numru ta' obbligi u piżijiet godda fuq is-settur tal-volontarjat.

Huwa għalhekk li l-Kunsill qed jinforma lill-Għaqdiet Volontarji illi f'isimkom huwa qajjem l-oggezzjonijiet tieghu fuq xi partijiet ta' dawn ir-regolamenti li jitressqu għad-diskussjoni fil-Parlament sabiex jiddaħħlu fis-seħħ qabel ma ssir konsultazzjoni adekwata mas-settur tal-volontarjat filwaqt li l-Kunsill irriserva d-dritt li jieħu dawk il-passi adekwati sabiex iħares lill-istess settur tal-volontarjat.

Il-Kunsill ser jkompli jżomm lill-Għaqdiet Volontarji infurmati u aġġornati dwar x'ikun qed jiġri.

Tislijiet

| | |
|---|---|
| Dr. Noel Camilleri | Mauro Pace Parascandalo |
| Chairperson | Chief Executive Officer |

**Malta Council for the Voluntary Sector**
**Volunteer Centre, 181, Melita Street, Valletta, VLT 1129, Malta**
**Tel: +(356) 22481110 Email: mcvs.mede@gov.mt Web: www.maltacvs.org.mt**

27th July 2020

## EN - Information for Voluntary Organizations

Dear Voluntary Organizations,

We are writing this letter on behalf of the Malta Council for the Voluntary Sector, which represents the Voluntary Organizations, in order to keep you informed of the latest situations that will be directly affecting our sector.

We regret to note that in recent weeks there have been repeated situations where the Council has not been consulted by the Commissioner for Volunteering as required by the National Strategy for Volunteering signed with the Government and committing all public entities. In fact this Strategy stresses that there should be “(a) opportunities for ongoing discussion between Voluntary Organizations and the interests of volunteering and Government Departments to foster early understanding and involvement in the development of politics” and that there are "(b) consultation arrangements that normally allow adequate time for wider consultation with networks and service users." (Representation - 06, page 17).

This lack of consultation, or lack of adequate time for consultation, has occurred both with regard to regulations addressing public collection, tax, amendments to the Voluntary Organizations Act, and those concerning 'charity shops'. In the regulations on public collections and those concerning charity shops there are many aspects that will negatively affect the voluntary sector, with the introduction of fees, extra procedures as well as regulations that the same public entities have been removed from other operators. Another worrying fact is that the procedures in these regulations place a number of new obligations and burdens on the voluntary sector.

That is why the Council is informing the Voluntary Organizations that on its behalf it has raised its objections to some parts of these regulations which will be put up for discussion in Parliament in order to be put into effect before adequate consultation with the voluntary sector while the Council reserved the right to take those appropriate steps to protect the same voluntary sector.

The Council will continue to keep Voluntary Organizations informed and up to date on what is happening.

Sincerely

Dr. Noel Camilleri
Chairperson

Mauro Pace Parascandalo
Chief Executive Officer

**Malta Council for the Voluntary Sector**
**Volunteer Centre, 181, Melita Street, Valletta, VLT 1129, Malta**
**Tel: +(356) 22481110 Email: mcvs.mede@gov.mt Web: www.maltacvs.org.mt**